MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 560/2011

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597)**
**Vs**
**Luciano Tabone (K.I. 149887M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi matul is-sena 2008, il-konvenut kien assigura l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAR-996 mas-socjeta' attrici; nhar it-2 ta' Settembru, 2008 sehh incident awtomobilistiku gewwa Triq San Guzepp, Santa Venera bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-istess konvenut u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABN-414 misjuqa minn certa Jacqueline Muscat; il-konvenut baqa ma ressaqx *claim* mas-socjeta' attrici relattivament ghall-incident *de quo*, u dan kif kien obbligat illi jaghmel kemm ai termini tal-kapitlu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-polza t' assigurazzjoni relattiva mahruga mis-socjeta' attrici; s-socjeta' attrici nformat lill-konvenut sahansitra permezz t' ittra ufficjali tas-17 t'April, 2009 illi galadarba kien jirrizulta kjarament illi huwa kien jahti

unikament ghall-incident *de quo*, hija kienet ser thallas id-danni reklamati mit-terzi in konnessjoni mal-istess incident ai termini tal-kapitlu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u sussegwentement kienet sejra tipprocedi fil-konfront tieghu ghar-rivalsa ai termini tal-polza t’assigurazzjoni relattiva skont il-ligi; minkejja illi l-imsemmija ittra giet debitament notifikata, l-konvenut baqa’ qatt ma ressaq il-*claim* relattiv mas-socjeta’ attrici; effettivament is-socjeta’ attrici hallset favur it-terzi ai termini tal-kapitlu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-somma ta’ hames mija u sitta u tmenin ewro u sitt centezmi (€586.06) kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan ili-kaz; peress illi l-konvenut agixxa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza t’assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta’ attrici hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenut l-ammont ta’ elf u erbgha u ghoxrin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1024.85) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta’ hames mija u sitta u tmenin ewro u sitt centezmi (€586.06) l-ammont minnha sborsat favur terzi, w in kwantu ghall-ammont ta’ erba’ mija u tmienja u tletin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€438. 75) l-ispejjez legali u gudizzjarji inkorsi mis-socjeta’ attrici in konnessjoni mal-istess incident awtomobilistiku - u kwindi qieghdin isiru l-prezenti proceduri sabiex il-konvenut jigi kkundannat illi jhallas dawn l-ammonti lis-socjeta’ attrici; bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-ittra ufficjali tas- 16 ta’ Settembru, 2010 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, illi jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-29 ta’ Marzu, 2012 mill-Avukat Amaryllis Agius u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li giet pprezentata nota ta’ riduzzjoni minn naha tas-Socjeta’ attrici fl-20 t’April, 2012, f’liema nota l-istess socjeta attrici kienet iriduciet l-ammont tad-danni minnha pretiz mit-total t’elf u erbgha u ghoxrin ewro u hamsa u

tmenin centezmu (€1024.85) ghal dak t’elf u erbgha u ghoxrin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1024.81).

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u jordna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hames mija u sitta u tmenin ewro u sitt centezmi (€586.06) l-ammont minnha sborsat favur terzi, w in kwantu ghall-ammont t’ erba’ mija u tmienja u tletin ewro u hamsa u fl-ammont ta’ sebghin centezmu (€438. 75) li jirraprezentaw l-ispejjez legali u gudizzjarji inkorsi mis-socjeta’ attrici in konnessjoni mal-istess incident awtomobilistiku.ghal-ammont totali t’elf u erbgha u ghoxrin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1024.81). U dan bl-ispejjez ta’ din it-talba u bl-imghaxijiet legali, skont it-talba tas-socjeta’ attrici u kif permess mill-ligi, a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------